KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

Minuti tat-Tnejn u Ħamsin (52) Laqgħa tas-Sitt (06) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċini Amministrattivi tal-istess Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 23 ta' Frar, 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija li hija kontinwazjoni tal-Laqgħa Nru 51 li nżammet nhar il-Ħamis 16 ta' Frar, 2012.

Il-Laqgħa bdiet fil-5.35 ta' filgħaxija wara li ingħatat nofs siegħa fuq il-ħin sakemm intlaħaq il-kworum.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Is-Sindku Perit Graziella Galea | 5.30p.m. | 7.46p.m |
| Il-Viċi-Sindku John Bray | 5.35p.m | 7.46p.m |
| Il-Kunsillier Alfred Grima | 5.30p.m | 7.46p.m |
| Il-Kunsillier Ray Tabone | 5.40p.m | 7.46p.m |
| Il-Kunsillier Alex Bezzina | 5.40p.m | 7.46p.m |
| Il-Kunsillier Jason Camilleri | 5.30p.m | 7.46p.m |
| Il-Kunsillier Frank Gauci | 5.35p.m | 7.46p.m |
| Il-Kunsillier Peter Abela | 5.30p.m | 7.46p.m |
| Il-Kunsillier Martin Zerafa | skużat | |
| Il-Kunsillier Ray Bartolo | 5.35p.m | 7.46p.m |
| Il-Kunsillier Mario Camilleri | 5.30p.m. | 7.46p.m |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**Din il-Laqgħa kienet il-kontinwazjoni tal-agenda tal-Laqgħa Nru 51 tas-16 ta' Frar, 2012.**

**1.0 Rendikont ta' Pagamenti.**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kif kien ġie mogħti struzjonijiet, huwa kien kiteb lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar id-*direct orders* li dwarhom kien hemm diskussjoni fil-Laqgħa Nru 51 iżda sa dak in-nhar kienet għadha ma waslitx risposta mid-Dipartiment.



**Sindku** : Perit Graziella Galea BE & A (Hons) M.Sc (Road Eng), A.&C.E.
**Segretarju Eżekuttiv** : John J. Camilleri

Saret diskussjoni fejn il-Kunsillier Alfred Grima oġġezzjona li l-lista tal-pagamenti tiġi approvata minħabba dawn id-*direct orders* li fil-fehma tiegħu kienu għall-istess xogħol u għalhekk kellha tinħareġ sejħa għal-kwotazzjonijiet. Is-Sindku u s-S.E. insistew li dawn kienu ordnijiet għal xogħlijiet differenti minn xulxin u għalhekk setgħu jingħataw b'*direct order*. Minbarra dan huma qalu li huma kienu nkarigati b'deċiżjoni tal-Kunsill li jaraw li x-xogħlijiet isiru fl-inqas żmien possibli u kienu ġew awtorizzati li jagħmlu l-ispejjeż meħtieġa skont il-bżonn kif jidher fil-minuti tal-Laqgħa Nru 31 ta' Awwissu 2010.

Saret diskussjoni u billi ma kienx hemm ftehim, is-Sindku talbet votazzjoni. Il-pagamenti kif ippreżentati ġew approvati b'ħames voti favur u erbgħa kontra. Il-Kunsilliera Alfred Grima, Raymond Tabone, Alex Bezzina u Jason Camilleri ivvotaw kontra filwaqt li l-Kunsillier Mario Camilleri kien barra l-kamra waqt il-votazzjoni.

**2.0 Attivitajiet.**

Is-Sindku tat *update* dwar l-attivitajiet proposti tal (a) Karnival, (b) The Wignacourt Festival, (c) Welcome Spring Festival , u (d) Fireworks Activity.

F'dan l-istadju il-Kunsillier Frank Gauci talab li jiġi skużat u telaq mil-laqgħa.

**3.00 Kwotazjonijiet.**

3.01 Ġiet approvata unanimament il-Kwotazjoni SPBLCQ-13-2011 ta' Sun Source Ltd. għal dwal taż-*żebra crossings* diversi fil-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar liema offerta kienet l-orħos waħda.

3.02 Il-Kunsill iddeċieda unanimament li l-attivitajiet tal-Karnival jitqassmu bejn iż-żewġ kumpaniji li offrew kwotazzjoni skont sejħa SPBLC-Q01-2012. Il-Kunsill awtorizza lis-Sindku sabiex tagħmel l-arranġamenti meħtieġa.

3.03 Ġie deċiż unanimament li jinxtraw madwar 100 siġġu tal-metall bi drapp griż għall-użu fis-sala tal-Komunita' tal-Kunsill mingħand id-ditta Bargains Limited li offriet l-orħos prezz skont sejħa għall-kwotazjonijiet SPBLC-Q-02-2012.

**4.00 *Tender For The Supply and Laying of Precast Prestressed Planks.***

4.01 Saret diskussjoni dwar il-fatt li kien jidher li kien hemm diskrepanza fl-offerta ta' Polidano peress li skont kif ġiet ikkwotata l-offerta ma kienx ċar jekk dawn il-planki kienux skont l-ispeċifikazjonijiet mitluba u għalhekk ġie deċiż li l-Perit tal-Kunsill għandu jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa wara li tiġi ċċarata d-diffikulta teknika u wara li huwa jkun sodisfatt mill-kwalita' u l-adikwatezza ta' dawn il-planki għall-iskop li għalih huma intenzjonati. F'dan il-każ u jekk il-perit tekniku jkun sodisfatt għandhom jiġu mgħażula l-planki skont l-irħas offerta. Il-Kunsillier Alfred Grima wera l-fehma li huwa ma kienx jaqbel ma' din id-deċiżjoni għaliex b'hekk jista' jinħoloq preċedent u jistgħu jittieħdu passi legali kontra l-Kunsill .

**5.00 *Expression of Interest* tal-bandli fil-proġett li qed isir fuq is-saqaf ta' Thalassalejn Boċċi Klabb *Indoor Pitch.***

Dan l-item tal-agenda tħalla għal-Laqgħa oħra meta jiġi studjat r-rapport tal-Perit tal-Kunsill.

## 6.00 Xogħol Fuq Toroq.

6.01 Is-Sindku tat rendikont tax-xoghlijiet li kienu qed isiru fit-Toroq taħt il-programm tal-PPP Batch 1 u Batch 2 u spjegat li kien hemm xi toroq li naqsu min dan il-programm għaliex kienu saru jew ser isiru minn TM u għalhekk hija talbet u ġie approvat unanimament li jsiru ukoll xi *resurfacing* ta' toroq oħra li għandhom bżonn urġenti ta' resurfacing minħabba il-kondizjoni ħażina tagħhom. Dawn it-toroq kienu jinkludu: Triq Busewdien, Triq Isouard, Triq J. Quintinus, Triq il-Knisja, Triq il-Maskli, Triq il-Port Ruman, Triq San Pawl il-Baħar, Triq ix-Xagħra tal-Bandieri. Sa kemm ma jinqabiżx it-total tal-ispiża miftehma mad-Dipartiment tal-Kunsilli ma kienx hemm oġġezzjoni li dan isir.

## 7.00 Aġġornamenti

7.01 Il-Kunsillier Mario Camilleri rringrazzja lil kulħadd li ħadem miegħu f'din il-leġislatura tal-Kunsill.

7.02 Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea, ipproponiet li jinxtraw 50 Pot ġodda bħal dawk li ngħataw taħt l-iskema maħruga mill-ELC minħabba li kien hemm talba kbira mingħand ir-residenti dwar dan. Il-Kunsill qabel.

7.03 Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea, ipproponiet li ż-żebra crossing li hemm fil-Veċċja ħdejn ir-*roundabout* tersaq iktar 'il fuq b'xi metri għal fejn joqgħodu r-residenti. Il-Kunsill qabel.

7.04 Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea, irringrazzjat lill-Kunsilliera, lis-Segretarju Ezekuttiv u l-istaff Amministrattiv kollu għax-xogħol u dedikazjoni li wrew f'dawn l-aħħar erba' snin, u awgurat l-isbaħ xewqat lill-kandidati. Hija infurmat li l-aħħar laqgħa ta' dan is-sitt Kunsill tkun fl-aħħar ġimgħa ta' Marzu meta jiġu approvati il-minuti, hekk kif il-Kunsill gie infurmat dwar dan permezz ta' Memo.

7.05 Aġġornament dawr il-Kumitat Amministrattiv Burmarrad: Is-Sur Ray Bartolo talab u ġie approvat li jiġu approvati dawn l-*items* tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad.

1. Huwa qal li l-Avukat kien ipprepara *draft agreement* bejn il-Kumitat Amministrattiv Burmarrad u il-Klabb tal-Futbol.
2. Huwa kien sejjer jirraporta f'seduta oħra dwar ir-rapport tal-Geoloġista dwar il-periklu ta' blat li qed jaqa' fit-telgħa tal-Wardija.
3. Transport Malta kienu approvaw skema ġdida ta' *Traffic Management* fi Triq Burmarrad ħdejn Bonnici Bros. sabiex jitnaqqas sewqan żejjed u perikoluż fis-*service road.*
4. Gie approvat li jsir kunċert fi Triq Gwanni Pawlu II minn JP II Foundation.
5. Giet approvata l-istemma tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad u din ser tiġi ċċirkulata.
6. Gew sottomessi żewġ proposti għall-iskema ta'restawr ta' niċeċ u antikitajiet oħra.
7. Gie deċiż li tinkiteb ittra lil PL dwar blokka tal-konkrit għal Bill Board li tpoġġiet quddiem il-Knisja ta' Burmarrad. Is-Sur Alfred Grima ma qabilx ma' dan għall-fatt li d-deċiżjoni tista' tkun diskriminatorja. Ray Bartolo qal li mhiex aċċettabli li titpoġġa blokka hemm minn l-ebda partit.

Saret aktar diskussjoni u s-Sindku talbet votazzjoni.

Il-votazzjoni rriżultat li 6 ivvotaw favur, li tintbgħat l-ittra, u 4 ivvotaw kontra. Il-Kunsillier Alfred Grima, Ray Tabone, Alex Bezzina u Jason Camilleri ivvotaw kontra.

**8.0 Egħluq tal-Laqgħa**

Il-Laqgħa spiċċat fit-7.45 ta' filgħaxija.

**Perit Graziella Galea**
**Sindku**

23 ta' Marzu 2012

**John J. Camilleri**
**Segretatju Eżekuttiv**

Ref: 55 / 2872 / 12 / OCZ